# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024**

**Numru 2**

**Rikors Numru 766/20 TA**

**Atlantis Deep Sea Limited (C-65306)**

**vs**

**MMH Malta Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Atlantis Deep Sea Limted (is-Soċjeta' Attriċi) tat-28 ta' Awwisu 2023 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi s-soċjeta' esponenti ġiet ingaġġata mis-soċjeta' intimata sabiex tipprovi *personnel* (żewġ *supervisors* u żewġ *pilot trainees*) sabiex jaħdem fuq proġett, li kien f'idejn is-soċjeta' Lighthouse SpA, fuq il-vettura Onyx fl-ibħra territorjali tal-Libja, bl-involviment ta' remotely operated underwater vehicle (ROV);

2. Illi dan is-servizz ġie reż kif pattwit, iżda s-soċjeta' intimata qegħda tirrifjuta illi tħallas l-aħħar żewġ ammonti dovuti lis-soċjeta' attriċi u dan stante li hija soffriet spejjeż li ma kinux previsti;

3. Illi bir-rispett kollu dovut, is-soċjeta' attriċi qatt ma daħlet f'xi ftehim ta' sħubija mas-soċjeta' intimata u għalhekk dawn il-kunsiderazzjonijiet huma għal kollox irrelevanti;

4. Illi r-rati maqbulin bejn il-partijiet jirriżultaw kjarament minn kuntratt u kundizzjonijiet annessi, datati 12 ta' April 2020 (Dok A);

5. Illi l-ammonti li fadal jitħallsu huma fattura fl-ammont ta' tmintax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Eur 18,274.28) emessa nhar it-8 ta' Mejju 2020 (kopja annessa u immarkata Dok B);

6. Illi ai termini ta' paġna 4 tal-Business Proposal li hija parti integrali mill-kuntratt de quo, irid jitħallas ukoll l-ammont ta' tnejn u għoxrin Elf mija u sitta u tletin Ewro u tmenin ċenteżmu (€ 22,136.80), rappeżenanti rata dovuta minħabba kwarantina mandatorja, bir-rata ta' standby għal żewġ *supervisors* u żewġ *pilots* (bir-rata ta' Eur 500 għas-*supervisors* u Eur 170 għall-*pilots*).

7. Illi s-soċjeta' esponenti interpellat lill-intimata għall-ħlas, inkluż b'ittra legali (kopja annessa u immarkata Dok C), iżda s-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti, anzi baqgħet tirrifjuta li twettaq il-ħlas;

8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant tgħid is-soċjeta' intimata għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta' intimata hija debitriċi fil-konfront tal-esponenti versu s-segwenti ammonti:

   a) l-ammont ta' tmintax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Eur 18,274.28) import tal-fattura emessa nhar it-8 ta' Mejju 2020;

   b) l-ammont ta' tnejn u għoxrin Elf mija u sitta u tletin Ewro u tmenin ċenteżmu (€ 22,136.80), rappreżentanti ammont dovut a kawża tal-kwarantina mandatorja kif fuq spjegat;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata għall-ħlas tal-istess ammonti, bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata minn issa inġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' MMH Malta Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tat-2 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. "ILLI t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà attriċi u dana stante illi:

a. hekk kif ser jiġi sottomess iżjed 'l isfel fil-parti tat-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà intimata, hija fil-fatt is-soċjetà attriċi illi hija debitriċi għas-soċjetà intimata, u dana wara illi l-istess soċjetà attriċi, permezz tan-nies imħaddmin minnha stess, kkawżaw danni u ħsarat lis-soċjetà intimata, hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

b. s-soċjetà attriċi ma onoratx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' bejn il-partijiet u datat 12 ta' April, 2020 (Dok A mar-rikors promotur) u dana speċifikatament l-artikolu 5 tal-kuntratt, hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u

c. f'dak illi għandu x'jaqsam mat-talba għall-ħlas tas-somma ta' tnejn u għoxrin elf, mija u sitta u tletin Euro u tmenin Euroċenteżmi (€22,136.80) rappreżentanti ammont dovut minħabba kwarantina mandatorja, dana ma huwiex dovut ai termini tal-ftehim imsemmi, u dana kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Din il-parti tat-talba tas-soċjetà attriċi hija intenzjonata biss sabiex teżaġera t-talba tagħha, u fil-fatt is-soċjetà intimata qatt qabel illum ma ġiet interpellata sabiex tħallas dan l-ammont; u dana kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża."

Rat il-kontro-talba tas-Socjeta' konvenuta (rikonvenzjonanti) tat-2 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. "ILLI s-soċjetà intimata hija kumpanija illi fost affarijiet oħra toffri servizzi ta' loġistika lil kumpaniji internazzjonali illi joperaw fil-qasam tat-tħaffir għaż-żejt u l-gass, speċjalment fir-reġjun tal-Mediterran. Dan ifisser illi s-soċjetà intimata tipprovdi nies, tagħmir, inġenji u servizzi oħra lil dawn il-kumpaniji kemm billi tipprovdi s-servizzi tagħha stess, kif ukoll dawk pprovduti minn terzi permezz ta' forom varji ta' *subcontracting*.

2. ILLI fit-3 ta' Frar, 2020 is-soċjetà intimata ffirmat ftehim mas-soċjetà Taljana Lighthouse S.p.A. ta' Bologna (kopja annessa u mmarkata **Dok. MMH.1**) permezz ta' liema kuntratt l-intimata kellha tipprovdi servizz ta' ROV (jiġfieri '*Remotely Operated Underwater Vesse*l' – ossija forma ta' robot, li jkun operat permezz ta' remote control mqabbad permezz ta' 'umbilical cable', illi jogħdos taħt il-baħar f'livelli pjuttost fondi sabiex ikun jista' jesplora l-qiegħ tal-baħar fejn ikun ser isiru x-xogħoliet ta' tħaffir għaż-żejt) mgħammar b'kamera tal-kulur, b'depth sensors u specifications oħra varji (ara Appendix 1 ta' Dok MMH.1), u dana b'rati għal kull ġurnata hekk kif jirriżulta mill-istess kuntratt f'Appendix 2 u Appendix 3.

3. ILLI s-soċjetà intimata avviċinat lis-soċjetà attriċi, li magħha diġà kellha rapport pre-eżistenti ta' ħidma tajba, u dana peress illi l-istess soċjetà attriċi kienet qiegħda żżomm ROV minn tagħha fil-Mediterranean Maritime Hub (jiġifieri s-sit operat mis-soċjetà intimata), u offrietilha illi taħdem parti mill-kuntratt imsemmi billi tipprovdi l-ROV illi kien jappartjeni lilha u kif ukoll tqabbad in-nies hi stess sabiex dan l-ROV jiġi operat kif suppost[1], filwaqt illi s-soċjetà intimata tieħu fuqha l-finanzjament tal-proġett. Fil-fatt hekk ġie miftiehem, però fil-frattemp faqqgħet il-pandemija tal-COVID19, u ġew fis-seħħ numru ta' restrizzjonijiet fil-portijiet tal-Mediterran, inklużi l-portijiet ta' Malta – tant illi fis-17 ta' Marzu, 2020 is-soċjetà intimata informat lil dik attriċi illi kien hemm restrizzjonijiet fuq il-vapuri u n-nies deħlin fil-portijiet ta' Malta, u allura dan kien ser jaffettwa serjament il-proġett in kwistjoni.

4. ILLI fit-18 ta' Marzu, 2020 is-soċjetà attriċi wieġbet illi wieħed mid-diretturi tagħha, ossija s-Sur Giancarlo Icolari kien maqbud barra minn Malta, mentri l-ROV kien qiegħed sitwat f'Malta. Mentri s-soċjetà attriċi wriet ix-xewqa illi l-proġett kollu jiġi mħassar minħabba l-force majeure illi ġiet ikkrejata, is-soċjetà intimata xorta waħda ħasset illi l-proġett seta' jitkompla, u kwindi is-soċjetà attriċi qablet illi tipprovdi l-personnel minn-naħa tagħha bil-kundizzjoni illi jinstab ROV alternattiv minn terzi. Dan ġie komunikat mis-soċjetà intimata lis-soċjetà Lighthouse S.p.A. fl-20 ta' Marzu, 2020;

5. ILLI fit-12 ta' April, 2020 ġie iffirmat il-ftehim anness u mmarkat bħala **Dok. MMH.2** bejn il-partijiet, u l-proġett effettivament seta' jinbeda;

6. ILLI wara illi nstab ROV alternattiv tat-tip "Ageotech Perseo GTV" (ara stampa u dettalji annessi u mmarkati bħala **Dok. MMH.3**) li kien jissodisfa l-kriterji meħtieġa għall-proġett, ipprovdut mis-soċjetà U-Boat Limited (hekk kif ser jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna) u l-vapur 'Odin Finder' salpa minn Malta, ġie skopert difett fuq dak l-ROV, u minkejja illi s-soċjetà Lighthouse S.p.A. riedet tkompli tuża l-ROV difettuż, dan ma rnexxiex, u l-vapur kellu jitlaq minn fejn kien u jirritorna lura fl-ibħra Maltin. Il-vapur però ma daħalx fil-Port – u kellha tintbagħat lanċa ('conveyance vessel') sabiex tilqa' l-ROV u tieħdu fil-port, u dan minħabba r-ristrezzjonijiet illi kien għadhom *in vigore* dwar kif bastimenti setgħu jidħlu fil-portijiet Maltin. Fil-pront inbdew tentattivi sabiex jinstab ROV alternattiv, u dan fil-fatt instab mingħand is-soċjetà Underwater Management Services Limited. Dan l-ROV tat-tip "Seaeye Falcon" (ara stampi u dettali annessi u mmarkati bħala **Dok MMH.4**) kien iżgħar minn dak preċedenti u ma kellux l-specifications mixtieqa, peró kien **l-uniku wieħed** illi bih il-proġett seta' jissokta, partikolarment fil-kuntest tal-pandemija u l-*lockdown* illi kien *in vigore* f'dawk il-jiem. L-effett ewlieni ta' dan it-tibdil kien illi l-proġett kien ser jitwal għaliex in-numru ta' "dives" ta' l-ROV kien ser jiżdied meta pparagunat mal-pjanijiet oriġinali – hekk kif ser jiġi spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Dan l-aħħar ROV inkera mis-

[1] Hawnhekk għandu jingħad illi hija prassi kummerċjali f'dan is-settur illi meta ROV jinkera għal xi proġett, dan jinkludi n-nies mħarrġa sabiex joperaw dak l-istess ROV.

soċjetà intimata direttament mingħand is-soċjetà proprjetarja tagħha abbażi tal-Purchase Order anness u mmarkat bħala **Dok. MMH.5**;

7. ILLI fuq rikjesta speċifika tas-soċjetà attriċi, is-soċjetà intimata malajr iffabrikat gaġġa tal-ħadid sabiex l-ROV in kwistjoni tiġi nnavigata minn ġewwa fiha, u l-istess ROV tiġi protetta. Din il-gaġġa tlestiet f'ġurnata sad-19 ta' April, 2020, u ġiet ikkonsenjata lis-soċjetà attriċi. **Għandu jiġi rilevat f'dan l-istadju illi ladarba din il-gaġġa saret fuq struzzjonijiet tas-soċjetà attriċi, dan juri illi l-istess soċjetà attriċi kienet ben konxja mir-riskju tal-ħsara illi setgħet issir lill-ROV.** L-ROV ġie mgħobbi għal fuq il-vapur Odin Finder fl-20 ta' April, 2020 u l-vapur reġa salpa minn Malta;

8. ILLI fil-21 ta' April, 2020 il-persuni mqabbdin mis-soċjetà attriċi, abbord il-bastiment, iddeċidew minn jeddhom illi jillanċjaw l-ROV mingħajr ma jużaw il-gaġġa protettiva illi kienet ġiet mibnija proprju għal dan il-għan. L-ROV ħadmet perfettament, pero hi u titla' lura lejn il-bastiment sabiex tittella' mill-baħar, l-umbilical cable inqabad u tqaċċat mit-*thruster* (ossija tip ta' skrun) tal-bastiment in kwistjoni – u kwindi l-ROV ma setax jitkompla jintuża;

9. ILLI l-personnel tas-soċjetà attriċi mhux talli ma nfurmawx lis-soċjetà intimata bil-ħsara illi kienu wettqu, iżda minkejja rikjesti numerużi u speċifiki, irriffjutaw illi jagħtu tali informazzjoni minkejja rikjesti ripetuti illi komplew isiru minn-naħa tas-soċjetà intimata sa' tard bil-lejl. Fil-fatt is-soċjetà intimata irċeviet konferma tal-ħsara biss l-għada meta s-soċjetà attriċi kkomunikat magħha f'dan is-sens. Sadattant is-soċjetà Lighthouse S.p.A. saqsiet lis-soċjetà intimata kif kienet qed tipproponi illi jissolvew l-affarijiet u l-proġett ikun jista' jitkompla. Anke wara dan il-punt il-*personnel* abbord il-bastiment baqgħu jirrifjutaw illi jikkomunikaw mas-soċjetà intimata dwar l-ROV mikri minnha stess, u nsistew illi jitkellmu biss mas-soċjetà attriċi – u dan bi preġudizzju serju għall-proġett in kwistjoni illi kien soġġett għal penali għal kull dewmien;

10. ILLI minħabba n-negliġenza u l-imperizja tas-soċjetà attriċi u n-nies imqabbdin minnha, is-soċjetà intimata soffriet danni konsistenti fi ħsarat fl-ROV imsemmija, u li għalihom kellha tidħol l-istess soċjetà intimata; spejjeż għal tagħmir proprjetà ta' U-Boat Limited illi tħalla fuq il-bastiment in kwistjoni minħabba s-soċjetà attriċi; kif ukoll penali ta' ħamest elef Euro (€5,000.00) illi ġew imposti fuq is-soċjetà intimata għad-dewmien sabiex tlesta l-proġett. Apparti dan, is-soċjetà intimata kkontestat ħlas ta' *commissions* ta' tliet mija u tletin Euro kuljum għal sebgħa u erbgħin jum għas-Sur Alessandro Calderoni u s-Sur Pietro Maceli (imqabbdin mis-soċjetà attriċi) stante illi l-ftehim tat-12 ta' April, 2020 ma ġiex onorat mis-soċjetà attriċi hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

11. ILLI għaldaqstant is-soċjetà intimata soffriet danni illi jammontaw għas-somma ta' **dsatax-il elf, mija u erbgħa u disgħin Euro u tlieta u sittin Euroċenteżmi (€19,194.63)**, u interpellata sabiex tħallas din

is-somma permezz ta’ ittra legali datata 10 ta’ Lulju, 2020 (annessa u mmarkata bħala **Dok. MMH.6**) is-soċjetà attriċi baqgħet inadempjenti u għaldaqstant kellha ssir din il-kawża;

ILLI s-soċjetà attriċi tixtieq tiprevalixxi ruħha minn dak illi tipprovdi l-liġi fl-Art. 396 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u qiegħda għalhekk tressaq is-segwenti talba rikonvenzjonali.

ILLI premessi l-fatti fid-dikjarazzjoni ġuramentata suesposta, is-soċjetà intimata qiegħdha titlob lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikkjara illi s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata Atlantis Deep Sea Limited hija risponsabbli għal danni kemm *ex contractu* kif ukoll *ex delictu* lis-soċjetà MMH Malta Limited, u dana minħabba imperizja, negliġenza u nuqqas ta’ osservanza ta’ l-obbligi kuntrattwali tagħha ai termini tal-ftehim tat-12 ta’ April, 2020, kif ukoll waqt l-operat tagħha abbord il-bastiment Odin Finder waqt ix-xhur ta’ April u Mejju, 2020;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà MMH Malta Limited fl-ammont ta’ **dsatax-il elf, mija u erbgħa u disgħin Euro u tlieta u sittin Euroċenteżmi (€19,194.63)**, jew kwalunkwe somma oħra verjuri illi tista’ tiġi llikwidata okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandui minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tikkundanna lis-soċjetà rikonvenzjonata Atlantis Deep Sea Limited sabiex tħallas id-danni hekk illikwidati lis-soċjetà MMH Malta Limited;

Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet skond il-liġi kontra s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata illi hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta tas-Soċjeta’ Attrici (rikonvenzjonata) tat-30 ta’ Novembru 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. “Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma għal kollox infondati u dawn għandhom jiġu miċħuda;

2. Illi kif diġa’ ġie premess fir-rikors ġuramentat promotur, is-soċjeta’ esponenti wettqet is-servizzi li għalihom ġiet ingaġġata kif pattwit;

3. Illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija mis-soċjeta’ intimata rikonvenzjonanti hija għal kollox inveritiera u intiża biss sabiex l-istess soċjeta’ tipprova teżimi ruħha mill-pagament dovut lill-esponenti;

4. Illi l-esponenti ma kkawżat l-ebda danni lis-soċjeta’ intimata u kwalsijasi dannu li din setgħet ġarrbet ma huwiex imputabbli lill-attriċi;

5. Illi assolutament mhuwiex minnu lanqas li s-soċjeta' esponenti aġixxiet b'xi mod negliġenti versu s-soċjeta' intimata rinkonvenzjonanti;

6. Illi dwar il-każ speċifiku tal-gaġġa li s-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti tant qed tagħmel enfasi fuqha fil-premessa numru 8 tad-dikjarazzjoni tal-fatti tagħha, irid jingħad illi kif ser jiġi ampjament ippruvat, din il-gaġġa li inbniet mis-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti ma nbnietx kif suppost u ma kinitx idoneja, u dan minkejja li s-soċjeta' esponenti ġibdet l-attenzjoni tas-soċjetà intimata rikonvenzjonanti kemm-il darba. Illi infatti, wara li din tlestiet, is-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti bagħtet ritratti ta' din il-gaġġa lis-soċjeta' esponenti u Pietro Maceli għan-nom tas-soċjeta' esponenti mal-ewwel irrimarka li din ma kinitx idoneja. In risposta għal dan, ir-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti għarrfuh li bil-ħin u l-materjal li kellhom disponibbli ma setgħux jagħmlu aħjar. Meta eventwalment din il-gaġġa twasslet *on board*, kien immedjatament evidenti li kienet żgħira u dejqa wisq u ma kinitx idonea, u kif ukoll ma kellhiex 'umbiilical support hook' u dan seta' jikkawża ħafna problemi. Dan kollu kif ser jiġi ampjament iddimostrat u spjegat.

7. Salv risposti oħra għall-kontro-talba permissibbli fil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti minn issa inġunta għas-subizzjoni."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tinsab differita għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Permezz ta' ftehim datat 12 ta' April 2020 is-Soċjeta' konvenuta inkarigat lis-Soċjeta' Attriċi sabiex tipprovdi għadd ta' personnel u kif ukoll tipprovdi l-gwida teknika tagħha taħt forma ta' konsulenza in konnessjoni ma' proġett li kien qiegħed ikun amministrat mis-Soċjeta' Lighthouse Spa. Dan il-proġett kellu x'jaqsam mal-biċċa tal-baħar bl-isem ta' Onyx li kienet

tinsab fl-ibħra territorjali Libjani. Dan il-personnel u konsulenzi kien hemm bżonnhom biex jopera dak li fix-xogħol inkwistjoni hija vettura sottomarina magħrufa bħala "*remotely operated under water vehicle"* (ROV).

**2.** Is-Soċjeta' Attriċi isostni li wara li tat is-servizz skont il-ftehim fuq imsemmi, is-Soċjeta' konvenuta issa qegħdha tirrifjuta li tagħmel il-ħlas. Dan jikkonsisti fl-ammont ta' €18,274.28 skont fattura maħruġa fit-8 ta' Mejju 2020 u €22,136.80 spejjes ta' ħaddiema li inżammu minħabba l-kwarantina mandatorja.

**3.** Min-naħa l-oħra is-Soċjeta' konvenuta qua rikonvenzjonanti qegħdha tgħid li hija s-Soċjeta' Attriċi rikonvenzjonata li hija debitriċi tagħha, peress li n-nies minnha mqabbda ikkawżaw danni u hsarat lilha. Għalhekk ebda parti mill-ispejjes reklamat mis-Soċjeta' Attriċi rikonvenzjonata ma huwa dovuti u dan ai termini tal-ftehim iffirmat bejniethom.

**Punti ta' Liġi**

**4.** Il-punti ta' Liġi involuti f'dan il-każ pjuttost ftit kumpless huma f'għajnejn kull parti differenti. Fil-waqt li s-Soċjeta' Attriċi tinvoka l-artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili, is-Soċjeta' konvenuta fit-talbiet rikonvenzjonali tagħha tistrieħ fuq l-azzjoni kemm tad-danni kuntrattwali u kif ukoll delittwali ossia aquiliani u allura l-artikoli 1030 u 1031 tal-Kodiċi Ċivili.

**5.** Il-bażi tal-pretensjonijiet tas-Soċjeta' Attriċi jistrieħu fuq il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* u dan għaliex is-Soċjeta' konvenuta ma tistax ma toqgħodx għall-obbligi tagħha skont kif konvenut bejn il-partijiet fil-ftehim tat-12 ta' April 2020 fuq imsemmi. Fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Alfred Grech -vs- Pauline Grech deċiża fis-16 ta' April 2004** dan il-prinċipju ġie spjegat hekk:

*"….. illi l-principju pacta sunt servanda huwa t'importanza kardinali, u li huwa prezunt illi meta partijiet kontraenti jidhlu fi ftehim, dan jaghmluh wara li kull parti tkun qieset l-ahjar interessi ndividwali taghha…….. F'dan l-ambitu jigi sottomess illi l-essenza kollha tal-kuntratt tinsab filli l-partijiet kontraenti jibbilancjaw l-interessi taghhom b'mod li jkun hemm quid pro quo*".

**6.** Min-naħa l-oħra is-Soċjeta' konvenuta tinvoka d-danni *ex contractu* u kif ukoll *ex delictu*. Skond din il-Qorti is-Soċjeta' konvenuta qed titfa' xibka wisgħa biex tkun ċerta li taqbad il-ħut. Meta tgħid li d-danni huma kawżati *ex-delictu* jfisser li t-talba tagħha hija ibbażata fuq l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa prinċipju paċifiku stabbilit b'ġurisprudenza estensiva illi d-danni li jikkontempla l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili huma dawk id-danni li jirriżulta per konsegwenza ta' '*damnum ex delicto vel quasi*' u mhux ta' danni '*ex contractu'*.

**7.** Skont din il-Qorti ma jistax ikollok it-tnejn fl-istess. Dan ifisser li l-parti li tinvoka dawn l-artikoli trid tagħmel għażla għaliex hu ġuridikament

improponibbli li jingħata kumulu ta' din l-azzjoni '*ex contractu'* u tal-azzjoni '*ex delictu vel quasi*' stante illi f'dik '*ex contractu*' l-azzjoni hija naxxenti minn obbligazzjoni, fil-waqt li l-azzjoni akkwiljana hija mnissla minn fatt li minnu l-azzjoni titnissel '*ex nunc*'. (ara f'dan ir-rigward **'Camilleri et vs Frendo' [Kollezz. XII;144]; 'Simiana vs Fenech et' [XVII;ii;180]; 'Cassar vs Ciappara' [XXXVII;I;82]; 'Micallef noe vs Cassar' [XXXVII;I;140]; 'Misrahi vs Camilleri noe' [LI;i;232]; 'Bugeja vs Baldacchino' [XXI;I;529]; 'Belli vs Mallia et noe' [Qorti tal-Kummerċ – 27.06.75] u 'Tonna vs Smith' [XXVIII;I;726] fost oħrajn** ara ukoll paper **Does the 'non cumul' Rule Exist in our Civil Law? David E. Zammit, LLD, PhD., (Dunelm)).**

**8.** Issa skont din il-Qorti, is-Soċjeta' konvenuta għamlitha din l-għażla tant li fir-risposta ġuramentata tagħha, meta tgħid li d-danni li sofriet huma mnissla mill-fatt li n-nies imħaddmin minnha stess ikkawżaw id-danni, dan ifisser li skont il-ftehim ma provvdietx nies kompetenti, obbligu, li ma hemm ebda dubbju, li joħroġ min-natura stess tal-ftehim, anke jekk mhux espliċitament imsemmi. Tgħid ukoll li s-Soċjeta' Attriċi ma onoratx it-termini tal-ftehim datat 12 ta' April 2020 u dan fir-rigward ta' artikolu 5 u l-ammont ta' €22,136,80 ma humiex dovuti ai termini tal-ftehim imsemmi, dawn huma ukoll riflessi fid-dikjarazzjoni ġuramentata. Għalhekk din il-Qorti ma għandha ebda dubbju li s-Soċjeta' konvenuta għandha f'moħħha danni *ex-contractu*. Għalhekk din il-Qorti tqies li d-danni li qed ikunu reklamati mis-Soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti huma tax-xorta kuntrattwali.

**9.** In tema ġenerali, il-Qorti tosserva ukoll, li għar-relazzjoni maħluqa bil-ftehim imsemmi japplikaw ukoll il-prinċipji tal-Istitut ta' appalt. Kif ingħad "*l'appalto è un contratto ad effetti non diciamo esclussivamente, ma certo prevalentemente obbligatori*" (Ara **Domenico Rubino, "L'Appalto", UTET 1958, 3a edizione; §13, p. 20**). Jiżdied jingħad illi, "*la pincipale obbligazione dell'appaltatore è un'obbligazione di fare (l'opera o il servizio)"* li tiddistingwi ruħha minn dik tal-venditur fil-bejgħ, fejn "*la principale obbligazione del venditore è una semplice obbligazione di consegnare (la cosa)*" (ibid., p. 21). Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti si tratta ta' *opus* fost oħrajn konsistenti fis-servizzi kif elenkati f'artikolu 5 tal-ftehim tat-12 ta' April 2020.

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** Il-Qorti tibda biex mill-ewwel tosserva li ċ-ċirkostanzi li sabu rwieħhom il-partijiet ma kienu xejn ordinarji. Huwa fatt evidenti, li l-pandemija tal-Covid-19 ġabet magħha sfidi legali, inkwantu l-ħajja xorta riedet tibqa' għaddejja, partikularment f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn ma setgħetx tieqaf. Il-qasam tax-xogħol li joperaw fih il-partijiet tat-tiftix għaż-żejt u minerali huwa wieħed minn dawn.

**11.** Fil-fatt il-kombinazzjoni tal-pandemija flimkien mal-ħtieġa li l-proġett mertu ta' din il-Kawża ma setax jieqaf kien, biex ngħidu hekk, cocktail industrijali u legali splussiv. Fil-fatt, f'ċirkostanza bħal din kien jagħmel

ħafna aktar sens li kif spjegat Angelique Abela għas-Soċjeta' konvenuta kieku kulħadd *cut his losses* u forsi kienu jkunu *break even*. Imma x-xenarju li għandha quddiemha din il-Qorti huwa għal kollox differenti.

**12.** Jibda biex jiġi rilevat, li hemm żewġ xenarji li jista' jkun li ħolqu effetti differenti. L-ewwel wieħed bejn il-kontendenti qabel ma ġie iffirmat il-ftehim tat-12 ta' April 2020. Dan jidher li kien verbali u kien fis-sens li s-Soċjeta' Attriċi ma kellhiex biss tipprovdi l-personnel iżda ukoll ir-Rov Class 2 li kellu jkun skont l-ispeċifikazzjonijiet li riedet is-Soċjeta' Lighthouse u ċioe l-klijenta tas-Soċjeta' konvenuta.

**13.** Angelique Abela, għas-Soċjeta' konvenuta tispjega, li r-ROV tas-Soċjeta' Attriċi kien fuq il-moll iżda peress li Giancarlo Icolari nqabad barra minħabba l-pandemija, s-Soċjeta'Attriċi ma rieditx li jintuża sakemm ma kienx hemm dan Giancarlo (Ara email minn Federica Rozi a fol 165 fejn tikkwota lil Cristian Padena x'qal f'dan is-sens u ara ukoll xhieda estensiva ta' Angelique Abela minn a' fol 134 sa 153).

**14.** Tul il-Kawża inqalgħet polemika sħiħa jekk Giancarlo Icolari kellux jerħi dawn il-Gżejjer meta, skont is-Soċjeta' konvenuta huwa kien jaf li l-presenza tiegħu f'Malta kienet meħtieġa fid-dawl tal-ftehim milħuq bejn is-Soċjeta' konvenuta u Lighthouse. Is-Soċjeta' konvenuta ssostni li Giancarlo Icolari kien konsapevoli ta' dan il-ftehim u li allura kien jaf ukoll li kien hemm penali kontra s-Soċjeta' konvenuta għad-dewmien.

**15.** Għalhekk is-Soċjeta' konvenuta tgħid li kienet mossa irresponsabbli ta' Giancarlo Icolari li jitlaq meta kienet diġa' faqqet il-pandemija bir-riskju li ma jkunx jista' jirritorna Malta. Ħa deċiżjoni li jitlaq fl-24 ta' Frar 2020 (a' fol 565 tergo). Bis-saħħa tal-prinċipju ta' *judicial notice* din il-Qorti sabet li l-WHO ħarġet dikjarazzjoni ta' preokkupazzjoni dwar il-pandemija fl-20 ta' Jannar 2020 u ġiet dikjarata pandemija globali propju fil-11 ta' Marzu 2020 u fit-12 ta' Marzu 2020 daħlu formalment ir-restrizzjonijiet f'Malta (Ara **gazzetta tal-WHO tal-epoka).** Di fatti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha is-Soċjeta' konvenuta targumenta inkwantu jirrigwarda d-dewmien tal-proġett "*dan inholoq mhux tant mill-pandemija, imma principalment minhabba d-decizjoni ta' Giancarlo Icolari li jitlaq minn Malta f'mument kritiku. Ghall-argument kieku baqa' Malta l-progett x'aktarx kien jibqa' jimxi normalment: kien jitla' hu ma' l-ROV tal-Ads stess, il-vapur isalpa lejn il-progett isir ix-xoghol u jerga' jidhol lura*" (a' fol 450 para 10).

**16.** L-imsemmi Giancarlo Icolari jipprova jiddefendi lilu nnifsu li fl-ewwel lok hu ma kienx jaf bil-ftehim bejn is-Soċjeta' konvenuta u Lighthouse għaliex wara kollox huwa ma kienx parti għalih. Għid ukoll, illi hu qatt ma ngħata ħjiel meta kellu jibda ix-xogħol u għalhekk ma setgħax joqgħod jistenna Malta jistenna li jingħata d-dati.

**17.** Pero' din il-Qorti trid tissenjala s-segwenti. Wara dan il-perjodu s-Soċjeta' konvenuta dehrilha li kellha terġa' tidħol għall-ftehim mas-Soċjeta' Attriċi, din id-darba bil-miktub. Jidher ċar, li s-Soċjeta' konvenuta minkejja

dan, xorta riedet tibqa' għaddejja bil-proġett fost oħrajn għaliex kienet diġa' iffirmat il-ftehim ma' Lighthouse, mentri li kien għaliha s-Soċjeta' Attriċi waqfet milli tkompli. Fil-fatt jirrisulta mill-kontro-eżami ta' Giancarlo Icolari fil-15 ta' Ġunju 2023 li "*La signora Rosi ha mandato un email, chiudere il-contratto, noi non abbiamo firmato nulla, non c'e' nulla, non si puo' fare lavoro con Atlantis Deep Sea. Non lo possiamo fare perche Giancarlo Icolari non c'e', chiudetelo...*" (a' fol 367).

**18.** Jidher li minħabba f'hekk, u biex issalva isimha fid-dawl tal-kuntratt ma' Lighthouse, is-Soċjeta' konvenuta għamlet il-kuntratt datat 12 ta' April 2020 mas-Soċjeta' Attriċi (a' fol 9). F'dan il-ftehim il-partijiet qablu f'artiklu 16 li "*This Agreement constitutes the entire and only binding agreement between the parties relating to the Assignment and supersedes any previous understandings, arrangements, representations, negotiations, or agreement between the parties*..." .

**19.** Dan ifisser b'mod ċar li, li għadda għadda u dak li kien kien. Di pju', fejn fil-każ tal-ewwel ftehim is-Soċjeta' Attriċi jidher li kellha tipprovdi ir-ROV, ma jidhirx li dan kellu jkun fit-tieni ftehim iffirmat. Dan tant huwa minnu, li fil-Business Proposal, li huwa parti għal dan il-ftehim, ir-rati tal-ħlas għas-servizz huwa biss b'referenza għall-provvediment tal-personnel (ara a' fol 6 sa 8). Ir-ROV ma jsemmiex.

**20.** Għalhekk meta s-Soċjeta' Konvenuta għażlet li tidħol għall-ftehim tat-12 ta' April 2020, għażlet ukoll, ġjaladarba ma għamlet ebda riserva iżda

pjuttost il-kuntrarju, li biha żammet kwalunkwe ilment li kellha fir-rigward tal-ewwel ftehim inkwantu is-Soċjeta' Attriċi kellha tipprovdi ir-ROV u l-personnel. Dan jinkludi ukoll l-ilment li Giancarlo Ecolari ma kienx Malta u allura ma setax jitħaddem ir-Rov stante li l-presenza tiegħu Malta kienet indispensabbli.

**21.** Dan ifisser, li fid-dawl tal-osservazzjoni magħmula mis-Soċjeta' konvenuta li l-assenza ta' Giancarlo Ecolari kienet il-kawża prossima tad-danni li soffriet, ma treġġix. Dan ma jfissirx li ma setax kien hemm kawżi oħrajn imputabbli għas-Soċjeta' Attriċi, bħal per eżempju inkompetenza tal-personnel provveduti minnha jew parir ħażin tal-istess Soċjeta' Attriċi qua "*consultant*" skond il-ftehim ta' April.

**22.** Is-Soċjeta' konvenuta kellha ddur u taqgħad mal-Ewropa kollha biex issib ROV ieħor b'dan li xorta riedet tinqeda bil-personnel tas-Soċjeta' Attriċi, instab ROV Class 2 ta' Uboat Ltd. Iżda ġara li l-ROV ta' Uboat marritlu l-motherboard u għalhekk is-Soċjeta konvenuta kellha tfittex ROV ieħor u dan bil-problemi addizzjonali li l-pandemija ġabet magħha (Ara ittra ta' Nino Renzi [Lighthouse] a' fol 162).

**23.** B'konsegwenza ta' hekk ROV Class 1 li huwa iżgħar mill-ieħor. Dan provdih Paul Bellizzi Under Water Management. Bellizzi ma insistix li għandu jkun presenti iżda fada lil dawk li kienu diġa' abbord tal-ADS u Uboat biex joperawh. Tajjeb li jingħad li fil-waqt li l-class 2 ikollu l-arms u aktar cameras u jista' jinżel ħafna aktar fil-fond, il-Class 1 huwa limitat bil-

mod kif jopera għaliex la għandu arms u cameras anqas fil-għadd. Għalhekk dan ma kienx ta' l-ispeċifikazzjonijiet skond id-domanda tal-klijent tas-Soċjeta' konvenuta (Ara ukoll xhieda ta' Christian Padena a' fol 178 tergo).

**24.** F'dan il-każ is-Soċjeta' Attriċi xorta baqgħet tipprovdi l-personnel tagħha biex dan ikun jista' jitħaddem. Kellha ukoll toffri l-expertise tekniku ta' kif għandu jiġi operat. L-ekwipaġġ tal-Uboat kellhom jibqgħu fuq il-vapur għaliex minħabba l-pandemija ma setgħux jinżlu.

**25.** Fuq parir tas-Soċjeta' Attriċi, għal dan l-ROV, kellha tinħadem gaġġa. Bil-pressjoni li kien qiegħed jagħmel Lighthouse inħoloq bħal paniku u ġie deċiż li l-RVO minħabba li l-gaġġa ma kienitx idoneja, din xorta tniżżlet il-baħar bil-konsegwenzjali ħsara li ġratlu, meta inqabad mit-truster tal-vapur. Ċirkostanza li kien anke preveda Giancarlo Icolari.

**26.** Minkejja li mill-ftehim tat-12 ta' April 2020 jemerġi ukoll, li ġaladarba r-ROV ma kienx ser ikun provvedut mis-Soċjeta' Attriċi, kien sta għas-Soċjeta' konvenuta li issib ieħor, mhux eskluż anke fuq l-aħjar parir li setgħet tagħtiha is-Soċjeta' konvenuta. F'dan il-kuntest Angelique Abela tagħmel ħafna sens meta tgħid li "*f'dan il-kuntest partikolari, Atlantis Deep Sea, avolja ma tawniex l-equipment taghhom, kellhom xorta jibqghu jaghtuna l-guidance teknika taghhom*". Dan fil-fatt jirrisulta ukoll mill-ftehim (a fol 143).

**27.** Di fatti Angelique Abela, għas-Soċjeta' konvenuta, li għexet sekonda b'sekonda din l-odisseja kollha tal-avvenimenti infortunati li nqalgħu, tispjega kif is-Soċjeta' konvenuta kellha ddur biex issib ROV ieħor pero' billi xorta tibqa' tinqeda bil-personnel tas-Soċjeta'. Dan jirrisulta ukoll mill-ftehim. Is-soċjeta' konvenuta għalhekk ħadet fuqha r-responsabbilita' li issib ROV ieħor (Ara xhieda ta' Angelique Abela a' fol 300). B'dan kollu dan ma jfissirx li s-Soċjeta' konvenuta setgħet tgħaddi mingħajr is-Soċjeta' Attriċi u dan kif fil-fatt jixhed anke il-ftehim.

**28.** Ir-ROV ta' Uboat huwa importanti li jingħad li Venza (Lighthouse) jirrimprovera lil kulħadd meta jistaqsi "*Let me ask, how you can sign a contract if you have not a functioning ROV system as well as any spare parts to solve most usual issues you could have on your equipment during the execution of the project*".

**29.** Sadanittant is-Soċjeta' Attriċi baqgħet tipprovdi l-personnel tagħha biex dan ikun jista' jitħaddem. Bħalli qallu l-inkwiet li kien inqala ma kienx biżżejjed kellu jinkera robot ieħor mingħand is-Soċjeta' ta' Pierre Bellizzi pero irrisulta li dan ma setax jinżel fil-baħar għaliex kellu bżonn il-protezzjoni ta' gaġġa, kif ingħad iktar 'l fuq sabiex ma jiġix issukkjat mit-truss tal-vapur kif jispjega Giancarlo Icolari fix-xhieda tiegħu (ara 'a fol 122 tergo sa 124). Emails li għaddew bejn Angelique Maggi (Abela) u dan Pierre Bellizzi jidher ċar li kienet is-Soċjeta' konvenuta li qed tifttex għal-ROV ieħor (a' fol 300).

**30.** Kien għal dan l-ROV li kellha ssir gaġġa. Bil-pressjoni li kien qiegħed jagħmel Lighthouse inħoloq bħal paniku u ġie deċiż li l-RVO minħabba li l-gaġġa ma kienitx idoneja intefa' l-baħar bil-konsegwenzjali ħsara li ġratlu meta nqabad mit-truster tal-vapur. Il-verżjonijiet li għandha quddiemha din il-Qorti huma t-tnejn plawsibbli. Għalhekk il-Qorti hija obbligata li flok issib l-iqsar triq u taħsel idejha fid-dawl ta' din il-plawsibilita, trid timbarka fuq eżerċizzju biex issib liema miż-żewġ narrattivi teqreb lejn il-verita' abbażi tal-preponderanza tal-provi u bilanċ ta' probbabiltajiet.

**31.** Ma hemmx ebda dubbju, li s-Soċjeta' konvenuta aktar minn dik Attriċi, riedet li dan il-proġett iseħħ pero' ma jistax l-istess ħaġa bl-istess qawwa għas-Soċjeta' Attriċi. Ta' qtugħ il-qalb hija l-ittra li Cristian Padena bagħat lil Antonio Venza (Lighthouse) fejn qallu li s-Soċjeta' Attriċi ma rieditx li dan il-proċess u jagħtih parir fis-sens li *"... inutile continuare chiedere aiuto a ADS e' palese che non e' loro intenzione cooperare o assumersi rischi"*. Anke fid-dawl ta' dak li ġiet rapportata Fedrica Rosi minn Giancarlo Icolari, is-Soċjeta' Attriċi daħlet għal dan il-proġett b'nofs qalb mentri kif joħroġ mix-xhieda ta' Angelique Abela, is-soċjeta' konvenuta kienet qed tagħmel minn kollox sabiex issalva l-proġett.

**32.** Kif diġa' rilevat, is-Soċjeta' konvenuta kellha taħdem gaġġa biex tipproteġi it-tielet ROV. Dan għamlitu fuq speċifikazzjonijiet mogħtija lilha mis-Soċjeta' Attriċi. B'dana kollu l-personnel tas-Soċjeta' Attriċi ħa d-deċiżjoni li jniżżel ir-ROV fl-ilma mingħajr gaġġa. Huma u jtellgħuh ġara

dak li kien prevedibbli. Di fatti kien Giancarlo Icolari stess li kien ppreveda il-bżonn din il-gaġġa biex jiġi evitat li l-appart jiġi ssukkjat mit-truster tal-vapur kif fil-fatt ġara meta kienet qed jittella' (a' fol 123 tergo).

**33.** Jekk il-personel li kien hemm abbord il-vapur ħadu deċiżjoni ħażina, hija is-Soċjeta' Attriċi li twieġeb għalihom u dan skont il-ftehim tat-12 ta' April 2020 (ara ukoll business proposal a' fol 7 u kif ukoll art 7 tal-ftehim). Tajjeb li jingħad, li Pietro Macelli għas-Soċjeta' Attriċi, ġibed l-attenzjoni li din il-gaġġa ma kienitx adatta anke jekk inħadmet mill-istess Soċjeta'. B'dana kollu, is-Soċjeta' Attriċi flok tat ordni lill-personel tagħha biex ma jniżżlux l-ROV mingħajr gaġġa, din ċediet għall-pressjoni tas-Soċjeta' konvenuta minħabba ċ-ċirkostanzi, u ppermettiet li dan l-apparat jitniżżel fil-baħar mingħajr gaġġa.

**34.** F'dan ir-rigward jingħad, li n-natura ta' konsulenza fil-ftehim tat-12 ta' April 2020 għandha kjarament mill-kuntratt ta' appalt kif diġa' rilevat aktar 'l fuq. Issa huwa prinċipju stabbilit, li l-appaltatur, għalkemm tassew inkarigat mill-kommittent, f'dan il-każ is-Soċjeta' konvenuta, id-deċiżjoni finali għall-eżekuzzjoni tajba tas-servizz hija f'idejh u f'idejh biss u mhux f'idejn il-kommittent. Dan ifisser, li jekk il-kommittent jagħti ordni lill-appaltatur li jkun jaf jew għandu kull raġuni li jkun jaf li l-esekuzzjoni mhux ser tagħti riżultat tajjeb, huwa għandu jirresisti l-ordni tal-kommittent u jirrikorri anke għat-terminazzjoni tal-inkarigu lilu mogħti jekk ikun il-każ.

**35.** L-appaltatur illi jagħmel xogħol ħażin huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina għaliex, kif jinsab ritenut ukoll, "*f'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu quddiem*" (Ara **App Kumm, tas-27 ta' Marzu 1972 fl-ismijiet Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et noe**). Dan il-prinċipju jorbot anke jekk ikun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol jew l-appaltatur ikun mexa skont l-istruzzjonijiet illi jkun ingħata mill-kommittent appaltant. Dan jingħad għaliex il-fatt li jkun sar ħlas jew ħlas akkont jew li x-xogħlijiet ikunu ġew approvati mill-kommittent m'huwiex ħajt ta' appoġġ għall-appaltatur. Xorta waħda jkollu jwieġeb għal xogħol ħażin. Għaldaqstant meta jfeġġu dawn in-nuqqasijiet, l-appaltatur jitqies li għandu ħtija minħabba inadempiment għaliex "*il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni, jew f'eżekuzzjoni ħażina, ta' l-obbligazzjoni riżultanti mill-kuntratt*" ( Ara **Kollez. Vol. XXXVIII.i.292**).

**36.** F'dan ir-rigward żgur ma jistax jingħad li s-Soċjeta' Attriċi ma kienitx taf x'kien għaddej. Qabel xejn kien hemm biss il-personnel tagħha abbord. Di pju', mill-provi jirrisulta ukoll li meta seħħet il-ħsara fir-ROV (Class1), il-personnel b'ebda mod ma riedu jagħtu informazzjoni tempestiva lis-Soċjeta' konvenuta għaliex bdew jinsistu li l-ewwel iridu jkellmu lis-Soċjeta' Attriċi, anke jekk il-kummissjoni tar-ROV kienet qed issir mis-Soċjeta' konvenuta. Di fatti is-Soċjeta' konvenuta ssostni li minħabba f'hekk intilfu sitt siegħat żmien, meta dan kien essenzjali fil-kuntest tal-kuntratt li kellha ma Lighthouse fid-dawl tal-penali minħabba dewmien.

**37.** Għalhekk, din il-Qorti ma għandha ebda dubbju, li għall-ħsara li kellha tħallas is-Soċjeta' konvenuta għandha tagħmel tajjeb għalihom is-Soċjeta' Attriċi. Iżda kwantu għall-penali li kellha tħallas is-Soċjeta' konvenuta, minħabba dewmien di fronte ta' Lighthouse, il-Qorti tħoss, li l-katina ta' avvenimenti sfortunati u ċirkostanzi li kienu prevalenti fil-mument tal-esekuzzjoni tal-kuntratt u li kollha b'xi mod ikkontribwew għad-dewmien, ikun ġust, li dawn jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, għax kull parti kellha r-riskji tagħha. Il-penali imħallsa mis-Soċjeta' konvenuta jammontaw għal €5,000 (a' fol 87). Għalhekk, mill-ammont li qed ikun reklamat mis-Soċjeta' konvenuta ser jitnaqqas nofs dan l-ammont u ċioe' €2,500.

**38.** Kwantu għall-ewwel talba din ser tintlaqa' bis-segwenti modifika, għaliex is-servizz xorta ngħata mis-Soċjeta' Attriċi lis-Soċjeta' konvenuta anke jekk kien hemm dewmien, liema dewmien ser ikun meħud in konsiderazzjoni. Li l-proġett xorta tlesta huwa ukoll ammess mis-Soċjeta' konvenuta (para 11 a' fol 520). Dejjem fuq il-prinċipji ta' appalt, ġie stabbilit ukoll, li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas (ara **P.A. MCC 9.4.1968 fil-kawża fl-ismijiet Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et**).

**39.** Mill-provi jirrisulta, li is-Soċjeta' Attriċi setgħet tat servizz aħjar u b'aktar kooperazzjoni mas-Soċjeta' konvenuta. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti fil-kuxjenza tħoss, li għandu jkun hemm tnaqqis

fl-ammont li s-Soċjeta' Attriċi qegħdha tirriklama bħala *fee advice*. Skont l-istatement maħruġ mis-Soċjeta' Attriċi, dan jammonta għal €4,847 (ara a' fol 40). Minn dan l-ammont għalhekk ser jitnaqqas 40%. Għalhekk minnu ser jitnaqqas l-ammont ta' €1,949 biex b'hekk ikun dovut biss l-ammont ta' €2,898 bħala fee advice.

**40.** Is-Soċjeta' Attriċi tgħid, li s-somma għall-kwarantina mandatorja hija dovuta skont paġna 4 tal-Business plan li huwa datat 10 ta' April 202 (a' fol 5). Din il-parti tal-Business proposal hija avvallata b'artikolu 7(1) tal-ftehim. Ifisser li din is-somma hija tassew dovuta. Għalkemm fir-risposta tagħha is-Soċjeta' konvenuta tgħid li dan il-pagament minħabba kwarantina mandatorja ma huwiex dovut ai termini tal-ftehim, minn imkien ma ħareġ ċar għaliex qegħda tgħid hekk, b'mod partikulari għal dan il-pagament.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' it-talbiet** Attriċi u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lis-Soċjeta' attriċi l-ammont totali ta' tmienja u tletin elf erbgħa mija tnejn u sittin punt tmienja tal-Ewro (€38,462.08) u dan kif spjegat aktar 'l fuq, bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-Soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti u limitatament għad-danni *ex-contractu*.

**Tilqa' it-tieni talba** tas-Soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti u tikkundanna lis-Soċjeta Attriċi rikonvenzjonata tħallas lis-Soċjeta konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta' sittax-il elf sitt mija erbgħa u disgħin punt tlieta u sittin tal-Ewro (€16,694.63) għar-raġunijiet fuq spjegati, bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tar-rikors ġuramentat għas-Soċjeta' konvenuta u dawk tal-kontro-talba għas-Soċjeta Attriċi rikonvenzjonata.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**